MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Rikors Kongunt Numru. 77/2012

**AB**

**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ir-rikors kongunt;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fl-4 ta' Novembru, 1979;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-affidavit bix-xiehda ta' AB u rat in-nota ta' l-Avukat Dr Lorraine Schembri Orland bhala mandatarja specjali tal-

assenti CB li permezz taghha iddikjarat illi qeghda taderixxi mal-kontenut tal-affidavit ta’ AB;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul gew sodisfatti u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta’ Settembru, 1995.

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u gie ippruvat illi ma hemm l-ebda manteniment dovut f’dan l-istadju peress illi ulied il-partijiet huma ilkoll maggorenni u l-intimata mhijiex aktar intitolata ghall-manteniment skond l-istess kuntratt ta’ separazzjoni;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------